## X'inhu l-Parlament?

Il-Parlament jiddeċiedi fuq id-direzzjoni tal-pajjiż u jgħaddi l-liġijiet.



Il-Parlament huwa magħmul minn partiti politiċi differenti. Il-partit politiku bl-akbar għadd ta' membri jkun fil-Gvern. Il-membri l-oħra tal-parlament jifformaw l-Oppożizzjoni.

Inti tivvota għall--kandidati biex isiru Membri tal-Parlament. Il-Membri tal-Parlament jaħdmu fuq affarijiet li jeffetwaw lill-Maltin.

## X'inhu l-Kunsill Lokali?

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul minn Sindku u mill-Kunsilliera. Il-Kunsill Lokali jaħdem fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-lokalita' tiegħek.



Inti tivvota għall-Kunsilliera u dak li jġib l-aktar voti ġeneralment isir Sindku.

Persuna li trid issir Membru tal-Parlament jew tal-Kunsill Lokali tissejjaħ kandidat.

Ara liema kandidat jappoġġa l-ideat tiegħek. Għid lill-kandidati b'dak li tixtieq tara jinbidel fil-lokalita' tiegħek jew f'Malta.

DG Edukazzjoni u kultura
Programm "Tagħlim Tul il-Ħajja"

equal partners FOUNDATION

My opinion My vote

# L-IDEAT U L-VOT TIEGĦEK HUMA MPORTANTI!

**Kull ċittadin minn 18-il sena 'l fuq għandu d-dritt għall-vot, tkun xi tkun l-abilita' tiegħu.**

## Il-vot tiegħek igħodd
## Mur u vvota!



**http://www.myopinionmyvote.eu/**

**Megħjuna mill-Kummissjoni Ewropea**
Direttorat Generali għall-Edukazzjoni u Kultura.
Tagħlim matul il-ħajja.

## X'inhi elezzjoni?

Iż-żmien li fih tista' **tivvota** jissejjaħ **elezzjoni**.
Meta tivvota, għandek l-opportunita' li **tagħżel** nies biex imexxu l-kunsill lokali tiegħek, lil-Malta, u l-Ewropa.
Dawn in-nies jissejħu **politikanti**. Il-politikanti jieħdu deċizzjonijiet li jaffettwaw lil kulħadd, bħat-tmexxija tal-isptar u l-iskejjel. Tista' tiddeċiedi li tivvota għall-persuni li taqbel mal-ideat tagħhom. Politikant huwa membru ta' **partit politiku**.
**Partit politiku** huwa grupp ta' politikanti li jaħdmu flimkien għax għandhom ideat simili.
Tista' tiddeċiedi li tivvota għall-partit politika jekk taqbel ma' l-opinjoni u l-ideat ta' dak il-partit.

## Meta tista' tivvota

Tista' tivvota fi żminijiet differenti.
Tista' tivvota għall-elezzjonijiet:

- **Tal-Kunsill Lokali** fejn taħtar Kunsilliera Lokali.
- **L-elezzjonijiet Nazzjonali**: Meta taħtar Membri tal-Parlament ta' Malta.
- **L-elezzjonijiet Ewropej**: Meta taħtar Membri tal-Parlament Ewropew.
- **Referendum**: Meta tivvota f'referendum inti mitlub li taċċetta jew tirrifjuta proposta li jagħmel il-Gvern. Ma tagħżilx persuna (kandidat) jew partit politiku.

## Min jista' jivvota?

Persuni 'l fuq minn 18-il sena jistgħu jivvutaw.
Ismek irid ikun fuq ir-**Reġistru Elettorali**.
Dan huwa lista fejn hemm l-ismijiet ta' dawk kollha li jistgħu jivvutaw.
Jekk inti rreġistrat biex tivvota tirċievi **d-dokument tal-vot** imqassam mill-pulizija. Id–dokument tal-vot igħidlek fejn u meta għandek tmur tivvota. Il-post fejn tmur tivvota jissejjaħ **post tal-votazzjoni**. Il-post tal-votazzjoni ġeneralment ikun skola jew sala viċin ta' fejn tgħix.



## Kif tivvota?

Uri lill-persuni li jkun hemm fil-post tal-votazzjoni d-dokument tal-vot tiegħek. Huma jsibu ismek fuq il-lista elettorali. Id-dokument tal-vot tiegħek ikollu r-ritratt u d-dettalji kollha tiegħek. Il-persuni li jkun hemm fil-kamra jagħtuk karta bl-ismijiet tan-nies skont il-partiti li inti tista' tivvota għalihom. Din il-karta tissejjaħ **il-karta tal-vot**.
F'każ ta' referendum il-karta tal-vot ikollha biss mistoqsija li għaliha trid tivvota iva jew le. Inti tidħol fil-**kamra tal-votazzjoni** biex tivvota. Jekk ikollok xi diffikulta' n-nies fil-post tal-votazzjoni jkunu jistgħu jgħinuk. Immarka l-karta tal-vot bin-numri 1, 2, 3, u kompli bin-numri ħdejn dawk in-nies li tixtieq tivvota għalihom.
Itwi l-karta tal-vot, imbagħad itfagħha fil-kaxxa tal-votazzjoni.
Ftakar li l-vot tiegħek huwa sigriet. Ħadd ma jista' jgħidlek għal min tivvota.

## Wara l-elezzjonijiet

Meta l-post tal-votazzjoni jagħlaq, il-kaxxi kollha tal-vot jittieħdu voti jirbaħ l-elezzjoni. Tista' ssegwi l-għadd tal-voti fuq it-televixin. Tista' tkun taf min rebaħ permezz tal-gazzetti, radju, internet u t-televixin. Tinsiex il-Membri tal-Parlament jew tal-Kunsill Lokali tiegħek wara l-elezzjoni.
Il-Membri tal-Parlament jew tal-Kunsill Lokali tiegħek jistgħu jitkellmu għalik anki jekk huma fl-Oppożizzjoni. Jistgħu jitkellmu għalik anki jekk taħseb li hemm xi liġi Ewropea li għandha tinbidel.

## Kif tkun taf meta ser ikun hemm elezzjoni?

Tista' jsir taf li hemm elezzjoni mill-gazzetti, mit-televixin u mill-billbords li jkun hemm fit-toroq. Tkun taf meta tirċievi d-dokument tal-vot.Tkun taf għax tisma' minn għand tal-familja u l-ħbieb, u forsi anki minn fuq tax-xogħol.